**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 2 ta' Gunju, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Lara Butters)**

**vs**

**Basseze Sylla**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Basseze Sylla ta' 29 sena Nazzjonalista Kosta tal-Ivorju, iben Mory u Mariann, imwieled Waki fit-22 t' Awwissu, 1988, residenti bla indirizz u detentur tan-numru tal-Pulizija 18Q-122 akkuzat talli fil-31 ta' Mejju 2019 u jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data;

1. Iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f' passaport, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi Passaport, li hu kien jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew li sar

xi tibdil fih f’ isem Basseze Sylla bin-numru tal-passaport MD5959939 rispettivament

2. Ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati
3. Minghajr awtorita legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument, mehtieg ghall-finijiet ta’ dan l-Att li kien falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti waqt l-udjenza tat-2 ta’ Gunju, 2019 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li ghandu fedina penali nadifa kif ukoll il-gravita tar-reati li taghhom qed jinstab hati.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 17 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija.

**MAGISTRAT**

Graziella Abela

Deputat Registratur